



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

13 ta' Frar 2014*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Għajjnuna mill-Istat — Sussidju għax-xiri jew għall-kiri ta' dekoders diġitali — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara skema ta' għajjnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern — Irkupru — Kwantifikazzjoni tal-ammont li għandu jiġi rkuprat — Rwol tal-qorti nazzjonali — Teħid inkunsiderazzjoni mill-qorti nazzjonali tal-pożizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tagħha — Prinċipju ta' kooperazzjoni leali”

Fil-Kawża C-69/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale civile di Roma (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Novembru 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Frar 2013, fil-proċedura

Mediaset SpA

vs

Ministero dello Sviluppo economico,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, J. L. da Cruz Vilaça, G. Arestis, J.-C. Bonichot, u A. Arabadjiev (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,

Reġistratur: A. Impellizzeri, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' Novembru 2013,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Mediaset SpA, minn L. Medugno, A. Lauteri, G. Rossi, G. M. Roberti, M. Serpone u I. Perego, avukati,
- għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn A. De Stefano, avvocato dello Stato,
- għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Grespan, B. Stromsky u G. Conte, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Mediaset SpA (iktar 'il quddiem "Mediaset") u l-Ministero dello Sviluppo economico dwar l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat li r-Repubblika Taljana tat lil Mediaset fil-kuntest ta' skema ta' għajnuna favur ix-xandara diġitali terrestri li joffru servizzi televiżivi bi ħlas u l-operaturi tat-televiżjoni bil-kejbil bi ħlas, iddikjarata inkompatibbli mas-suq intern permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/374/KE, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar għajnuna mill-istat C 52/2005 (ex NN 88/2005, ex CP 101/2004) li ġiet implimentata mir-Repubblika Taljana bis-sussidju għax-xiri ta' decoders diġitali (ĠU L 147, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni 2007/374").

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 659/1999

- 3 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339) jipprovdi fl-Artikolu 14 tiegħu, intitolat "Rkupru ta' għajnuna":

"1. Fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju (minn hawn 'l quddiem imsejja 'deċiżjoni ta' rkupru'). Il-Kummissjoni m'għandhiex teħtieġ ir-rkupru ta' l-għajnuna jekk dan ikun kuntrarju għal prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Komunità.

2. L-għajnuna li ser tkun rikuperata skont deċiżjoni ta' rkupru għandha tinkludi l-imgħax frata xierqa ffixsata mill-Kummissjoni. L-imgħax għandu jkun pagabbli mid-data li fiha l-għajnuna illegali kienet fid-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sad-data li fiha kienet irkuprata.

3. Mingħajr preġudizzju għall-ebda ordni tal-Qorti tal-Ġustizzja [tal-Unjoni Ewropea] skont l-Artikolu [278 TFUE], ir-rkupru għandu jsir mingħajr dewmien u f'konformità mal-proċeduri tal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm jippermettu għall-esekuzzjoni mmedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Għal dan l-effett u fl-eventwalità ta' proċedura quddiem il-qorti nazzjonali, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li huma disponibbli fis-sistemi legali rispettivi tagħhom, li jinkludu miżuri proviżjonali, mingħajr preġudizzju għall-liġi [tal-Unjoni]."

Id-Deċiżjoni 2007/374

- 4 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2007/374 jipprovdi:

"L-iskema adottata illegalment mir-Repubblika Taljana favur it-trażmetturi [ix-xandara] diġitali terrestri li joffru servizzi televiżivi bi ħlas u lill-operaturi tat-televiżjoni bil-kejbil bi ħlas tikkostitwixxi għajnuna ta' l-Istat inkompatibbli mas-suq komuni."

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni jipprovdi:

“1. Ir-Repubblika Taljana għandha tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tirkupra mingħand il-benefiċjarji l-għajjnuna msemmija fl-Artikolu 1.

2. L-irkupru għandu jseħħ mingħajr telf ta' żmien u skond il-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, kemm-il darba dawn jippermettu l-implimentazzjoni immedjata u effettiva ta' din id-Deċiżjoni. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandhom jinkludu l-interessi, li jiddekorru mid-data meta l-għajjnuna tpoġġiet għad-disposizzjoni tal-benefiċjarji sad-data ta' l-irkupru tagħhom.

3. L-imgħaxijiet li għandhom jiġu rkuprati skond il-paragrafu 2 għandhom jiġu kkalkulati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 9 u 11 tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 tal-Kummissjoni, tal-21 ta' April 2004, li jimplementa r-Regolament [...] Nru 659/1999 [ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 4, p. 3].”

6 L-Artikolu 3 tal-istess deċiżjoni jipprovdi:

“Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, ir-Repubblika Taljana għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri li ttiegħdu biex tikkonforma magħha. Din l-informazzjoni għandha tingħata permezz tal-kwestjonarju anness ma' din id-Deċiżjoni.

Fl-istess terminu hawn fuq imsemmi r-Repubblika Taljana għandha tibgħat id-dokumenti meħtieġa biex turi li tat bidu għall-proċedura ta' rkupru mingħand il-benefiċjarji ta' l-għajjnuniet illeġittimi u inkompatibbli.”

7 F'dak li jirrigwarda l-ammonti ta' għajjnuna li kellhom jiġu rkuprati, il-Kummissjoni speċifikat dan li ġej fil-premessi 191 sa 193 tad-Deċiżjoni 2007/374:

“(191) Għall-finijiet biex tistabbilixxi xi jrid jiġi rkuprat mingħand it-trasmittituri, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li huwa eżerċizzju partikolarment kumpless biex jiġi ddeterminat bi preċiżjoni l-ammont ta' riżorsi ta' l-Istat li minnhom ibbenefikaw effettivament il-benefiċjarji. Dan għaliex l-għajjnuna mhux biss ingħatat b'mod *indirett* permezz tal-konsumaturi, iżda wkoll għaliex kienet marbuta mat-tagħmir ta' riċezzjoni meħtieġ għar-riċeviment tas-servizzi tat-trażmettituri aktar milli għas-servizzi *per se*.

(192) Madankollu, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti [...], ebda dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju ma timponi li l-Kummissjoni, meta tordna r-rifużjoni ta' l-għajjnuna ddikjarata inkompatibbli mas-suq komuni, għandha tiddetermina l-ammont eżatt ta' l-għajjnuna li għandha tiġi restitwita. Huwa biżżejjed li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun tinkludi l-elementi li jippermettu lid-destinatarju ta' l-istess deċiżjoni biex jistabbilixxi mingħajr diffikultajiet eċċessivi dawn l-ammonti [...]

(193) Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija tal-fehma li huwa xieraq li jingħataw xi direzzjonijiet dwar il-metodu li għandu jiġi adottat biex jiġi kkwantifikat il-vantaġġ. B'mod partikolari, il-Kummissjoni hija tal-fehma li, meta jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi partikolari tal-każ preżenti, metodu xieraq jikkonsisti fil-kalkolu ta' l-ammont tal-qligħ żejjed iġġenerat, bis-saħħa tal-miżura, mis-servizzi diġitali l-ġodda u mill-offerti ta' televiżjoni bi ħlas jew ta' *pay per view*.”

8 Fil-premessi 196 sa 205 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni pprovdi indikazzjonijiet dwar il-metodu msemmi fil-punt 195 tagħha sabiex tippermetti lir-Repubblika Taljana tiddetermina l-ammonti preċiżi li kellhom jiġu rkuprati.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 9 Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2007/374, il-Kummissjoni u r-Repubblika Taljana kellhom skambji dwar l-identifikazzjoni tal-benefiċjarji individwali tal-iskema ta' għajjnuna ddikjarata illegali u dwar il-kwantifikazzjoni tal-ammonti preċiżi li kellhom jiġu rkuprati.
- 10 B'mod partikolari, permezz ta' ittra tal-1 ta' April 2008, il-Kummissjoni approvat il-metodoloġija użata mir-Repubblika Taljana, jiġifieri sondaġġ ta' opinjoni mwettaq minn Ipsos, sabiex n-numru ta' utenti addizzjonali li rriżultaw mill-għajjnuna inkwistjoni, id-dħul medju għal kull utent u d-dħul addizzjonali. Il-Kummissjoni tat ukoll il-kunsens tagħha fir-rigward tal-konklużjonijiet tar-Repubblika Taljana li TIMedia u Fastweb, benefiċjarji tal-għajjnuna inkwistjoni, ma kellhomx ikunu suġġetti għall-obbligu ta' ħlas lura inkwantu l-analizzjoni imwettqa wrew li l-imsemmija impriżi ma wettqu ebda qligħ addizzjonali matul il-perijodu ta' għoti tal-għajjnuna inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, permezz ta' din l-istess ittra, il-Kummissjoni esprimiet ċerti riżervi dwar l-ispejjeż li setgħu jiġu evitati inkorsi minn Mediaset u għaldaqstant indikat li l-ammont tal-għajjnuna li kellu jiġi rkuprat mingħand din tal-aħħar kien jammonta għal EUR 6 844 361.
- 11 Permezz ta' ittra tal-11 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni approvat, wara li r-Repubblika Taljana ressqet provi ġodda għall-konjizzjoni tagħha, il-kalkolu l-ġdid tal-ispejjeż li setgħu jiġu evitati mwettaq minn dan l-Istat Membru għal Mediaset, u b'dan il-mod l-ammont tal-għajjnuna li kellu jiġi rkuprat fil-konfront tagħha ammonta għal EUR 4 926 543.22.
- 12 Permezz ta' ittra tat-23 ta' Ottubru 2009 li ntbagħtet wara li r-Repubblika Taljana ressqet provi addizzjonali ġodda, il-Kummissjoni ma approvatx il-mudell ekonomiku ġdid adottat minn dan l-Istat Membru għar-raġuni li kien jirreferi għal perijodi differenti għall-imputazzjoni tal-ispejjeż u tad-dħul u li metodoloġija simili kienet diġà twarrbet mill-imsemmi Stat Membru nnifsu. F'din l-ittra, il-Kummissjoni indikat ukoll li, fil-każ li r-Repubblika Taljana ma tirkuprax immedjatament l-għajjnuna inkwistjoni mingħand Mediaset, hija tista' tirrikorri għall-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE.
- 13 Permezz ta' digriet tat-12 ta' Novembru 2009, l-awtoritajiet Taljani ordnaw lil Mediaset tħallas l-ammont globali ta' EUR 5 969 442.12, liema ammont kien jinkludi l-interessi kkalkolati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 659/1999.
- 14 Fil-11 ta' Diċembru 2009, wara li ħallset l-ammont mitlub mill-awtoritajiet Taljani, Mediaset ippreżentat rikors quddiem it-Tribunale civile di Roma għall-annullament tal-imsemmi digriet u għat-tnaqqis tas-somma li kellha tiġi rkuprata, billi invokat, b'mod partikolari, l-applikazzjoni żbaljata tal-kriterji ta' kwantifikazzjoni stabbiliti fid-Deċiżjoni 2007/374 u n-natura inkorretta tal-kalkoli magħmula sabiex jiġi ddeterminat il-qligħ addizzjonali ġġenerat mill-għajjnuna inkwistjoni. Barra minn hekk, Mediaset talbet li tiġi ordnata perizja ġudizzjarja.
- 15 Fil-frattemp Mediaset kienet ippreżentat rikors għall-annullament tad-Deċiżjoni 2007/374 quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Dan ir-rikors ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali b'sentenza tal-15 ta' Ġunju 2010, Mediaset vs Il-Kummissjoni (T-177/07, Ġabra p. II-2341). Mediaset ippreżentat appell minn din is-sentenza li ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja b'sentenza tat-28 ta' Lulju 2011, Mediaset vs Il-Kummissjoni (C-403/10 P).
- 16 Fil-kuntest tal-kawża prinċipali, it-Tribunale civile di Roma ordna perizja, li l-konklużjonijiet tagħha, mogħtija fis-6 ta' Settembru 2011 mill-kulleġġ ta' esperti, jinkludu kritiki kemm dwar is-sondaġġ ta' opinjoni użat sabiex jiġi kkalkolat in-numru ta' spettaturi addizzjonali attirati mill-offerta ta' televiżjoni pay per view u mill-istazzjonijiet diġitali ġodda kif ukoll dwar il-mudelli ekonometriċi proposti u użati mill-partijiet fil-kawża prinċipali. Ir-rapport jikkonkludi wkoll li ma ġiex approvat li l-preżenza

tal-ġhajna inkwistjoni effettivament influwenzat il-bejgħ ta' dekoders matul il-perijodu eżaminat. Permezz tal-osservazzjonijiet tiegħu tas-17 ta' Lulju 2012, il-Ministero dello Sviluppo economico ikkontesta l-konklużjonijiet tal-perizja.

- 17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale civile di Roma ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Il-Qorti nazzjonali, imsejħa sabiex tiddeċiedi fuq l-ammont tal-ġhajna mill-Istat li l-irkupru tagħha ġie ordnat mill-Kummissjoni [...], hija marbuta, kemm mill-perspettiva tal-'jekk' kif ukoll tal-'kemm', mid-Deċiżjoni [2007/374], kif ikkompletata mid-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni [fl-ittri tal-11 ta' Ġunju 2008 u tat-23 ta' Ottubru 2009] u li ġiet ikkonfermata [mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali Mediaset vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq]?"

Fil-każ kuntrarju:

- 2) Bl-affermazzjoni, fis-sentenza [tal-Qorti Ġenerali Mediaset vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq,] li l-qorti nazzjonali hija kompetenti sabiex tiddeċiedi fuq l-ammont tal-ġhajna mill-Istat, il-Qorti Ġenerali kellha l-intenzjoni li tillimita din is-setgħa għall-kwantifikazzjoni ta' ammont li, sa fejn jirrigwarda ġhajna mill-Istat effettivament implementata jew miksuba, għandu neċessarjament ikollu valur pożittiv, u ma jkunx ugwali għal zero?
- 3) Jew inkella, bl-affermazzjoni, fis-sentenza [tal-Qorti Ġenerali Mediaset vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq,] li l-Qorti nazzjonali hija kompetenti sabiex tippronunzja ruħha fuq l-ammont tal-ġhajna mill-Istat, il-Qorti Ġenerali kellha l-intenzjoni tattribwixxi lill-qorti nazzjonali s-setgħa li tevalwa t-talba ta' hłas lura kemm mill-perspettiva tal-'jekk' kif ukoll tal-'kemm' tagħha, u tasal sa tagħtiha s-setgħa li teskludi kull obbligu ta' hłas lura?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

- 18 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob essenzjalment jekk, sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara skema ta' ġhajna illegali u inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tal-ġhajna inkwistjoni, iżda li ma tidentifikax il-benefiċjarji individwali ta' din l-ġhajna u ma tiddeterminax l-ammonti preċiżi li għandhom jitħallsu lura, il-qorti nazzjonali hijiex marbuta mhux biss b'din id-deċiżjoni, iżda wkoll bil-pożizzjonijiet meħuda mill-imsemmija istituzzjoni fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-imsemmija deċiżjoni li, min-naħa tagħhom, jindikaw preċiżament l-ammont tal-ġhajna li għandu jiġi rkuprat mingħand benefiċjarju partikolari.
- 19 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li l-implementazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-ġhajna mill-Istat hija r-responsabbiltà, minn naħa, tal-Kummissjoni u, min-naħa l-oħra, tal-qorti nazzjonali, li r-rwoli rispettivi tagħhom huma komplementari iżda distinti (ara s-sentenza tal-21 ta' Novembru 2013, Deutsche Lufthansa, C-284/12, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 20 Bis-saħħa tal-imsemmija sistema, il-Kummissjoni għalhekk għandha kompetenza esklużiva, suġġetta għall-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni, sabiex tevalwa l-kompatibbiltà ta' ġhajna mas-suq intern (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2003, van Calster *et*, C-261/01 u C-262/01, Ġabra p. I-12249, punt 75; tal-5 ta' Ottubru 2006, Transalpine Ölleitung in Österreich, C-368/04, Ġabra p. I-9957, punt 38, u Deutsche Lufthansa, iċċitata iktar 'il fuq, punt 28).

- 21 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-Kummissjoni ma hijiex obligata tistabbilixxi l-ammont eżatt tal-ġhajjnuna li għandha titħalla lura meta tordna l-ħlas lura ta' ġhajjnuna ddikjarata inkompatibbli mas-suq intern. Huwa biżżejjed li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tinkludi informazzjoni li tippermetti lid-destinatarju tagħha jiddetermina dan l-ammont huwa stess, mingħajr wisq diffikultà (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Ottubru 2000, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-480/98, Ġabra p. I-8717, punt 25; Mediaset vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 126, u tat-8 ta' Diċembru 2011, France Télécom vs Il-Kummissjoni, C-81/10 P, Ġabra p. I-12899, punt 102).
- 22 Fil-fatt, meta tkun affaċċjata bi skema ta' ġhajjnuna, il-Kummissjoni ġeneralment ma tkunx f'pożizzjoni li tidentifika preċiżament l-ammont ta' ġhajjnuna li kull wieħed mill-benefiċjarji individwali jkun irċieva u, għaldaqstant, iċ-ċirkustanzi speċifiċi għal wieħed mill-benefiċjarji ta' skema ta' ġhajjnuna jistgħu jiġu evalwati biss fl-istadju tal-irkupru tal-ġhajjnuna (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2002, C-310/99, Ġabra p. I-2289, punti 89 sa 91).
- 23 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, id-deċiżjonijiet għandhom jorbtu fl-intier tagħhom għad-destinatarji speċifikati fihom. Għaldaqstant, l-Istat Membru destinatarju ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tobbligah jirkupra ġhajjnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern huwa obligat, bis-saħħa ta' dan l-artikolu, li jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw l-eżekuzzjoni tal-imsemmija deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-209/00, Ġabra p. I-11695, punt 31, u tas-26 ta' Ġunju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-404/00, Ġabra p. I-6695, punt 21). Din in-natura obligatorja torbot lill-korpi kollha tal-Istat destinatarju, inklużi l-qrati tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 1987, Albako Margarinefabrik, 249/85, Ġabra p. 2345, punt 17).
- 24 Għalkemm id-Deċiżjoni 2007/374, li saret definittiva wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Mediaset vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, hija, għaldaqstant, obligatorja għar-Repubblika Taljana li hija d-destinatarja tagħha u, fuq din il-bażi, għandha titqies li torbot lill-qorti nazzjonali, l-istess ma jistax japplika għal-ittri li l-Kummissjoni indirizzat sussegwentement lir-Repubblika Taljana fil-kuntest tal-iskambji li saru sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tal-imsemmija deċiżjoni.
- 25 Fil-fatt, f'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li dawn l-ittri, u b'mod partikolari dawk tal-11 ta' Ġunju 2008 u tat-23 ta' Ottubru 2009 li jidentifikaw lil Mediaset bħala benefiċjarja tal-iskema ta' ġhajjnuna inkwistjoni u jispeċifikaw ammont eżatt ta' ġhajjnuna li għandu jiġi rkuprat mingħand din tal-aħħar, ma jikkostitwixxux deċiżjonijiet fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE.
- 26 Għandu jiġi kkonstatat ukoll li tali teħid ta' pożizzjoni ma huwiex inkluż fost l-atti li jistgħu jiġu adottati abbażi tar-Regolament Nru 659/1999.
- 27 Barra minn hekk, il-Kummissjoni nfisha rrikonoxxiet, fl-osservazzjonijiet tagħha, li l-pożizzjonijiet meħuda minnha ma kinux intiżi sabiex jikkompletaw jew jibdlu l-kontenut tad-Deċiżjoni 2007/274 u li ma kellhom ebda saħħa vinkolanti.
- 28 Għaldaqstant, il-pożizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2007/374 ma jistgħux jitqiesu li jorbtu lill-qorti nazzjonali.
- 29 Madankollu, għandu jifakkar li l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-ġhajjnuna mill-Istat hija bbażata fuq obbligu ta' kooperazzjoni leali bejn, minn naħa, il-qrati nazzjonali, u, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni u l-qrati tal-Unjoni, li fil-kuntest tiegħu kull waħda minnhom taġixxi skont ir-rwol mogħti lilha mit-Trattat FUE. Fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni, il-qrati nazzjonali għandhom jieħdu l-miżuri ġenerali jew speċifiċi kollha xierqa sabiex jiżguraw l-implementazzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u joqogħdu lura minn dawk li jistgħu jipperikolaw il-kisba tal-għanijiet tat-Trattat, kif jirriżulta mill-Artikolu 4(3) TUE (ara s-sentenza Deutsche Lufthansa, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41).

- 30 Għalhekk, jekk il-qorti nazzjonali jkollha dubji jew diffikultajiet f'dak li jirrigwarda l-kwantifikazzjoni tal-ammont ta' għajjnuna li għandu jiġi rkuprat, hija dejjem għandha l-possibbiltà li ddir fuq il-Kummissjoni sabiex din tal-aħħar tagħtiha l-għajjnuna tagħha skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 89 sa 96 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-infurzar tal-liġi dwar l-għajjnuna mill-Istat mill-qradi nazzjonali (ĠU 2009, C 85, p. 1).
- 31 Għaldaqstant, għalkemm il-pożizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni ma jstgħux jorbtu lill-qorti nazzjonali, għandu jiġi rrilevat li, sa fejn il-punti li jinsabu fl-imsemmi teħid ta' pożizzjoni, kif ukoll fl-opinjoni tal-Kummissjoni eventwalment mitluba mill-qorti nazzjonali fiċ-ċirkustanzi msemmija fil-punt preċedenti, huma intiżi sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompitu tal-awtoritajiet nazzjonali fil-kuntest tal-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni ta' rkupru, u fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, il-qorti nazzjonali għandha teħodhom inkunsiderazzjoni bħala element ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-kawża li tkun tressqet quddiemha u timmotiva d-deċiżjoni tagħha fid-dawl tal-atti kollha tal-proċess li jkunu ġew ippreżentati lilha.
- 32 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda għandha tkun li, għalkemm, sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara skema ta' għajjnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tal-għajjnuna inkwistjoni, iżda li ma tidentifikax il-benefiċjarji individwali ta' din l-għajjnuna u ma tiddeterminax l-ammonti preċiżi li għandhom jiġihallu lura, il-qorti nazzjonali hija marbuta b'din id-deċiżjoni, hija min-naħa l-oħra ma hijiex marbuta bil-pożizzjonijiet meħuda mill-imsemmija istituzzjoni fil-kuntest tal-imsemmija deċiżjoni. Madankollu, fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, il-qorti nazzjonali għandha tiegħu dan it-teħid ta' pożizzjoni inkunsiderazzjoni bħala element ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-kawża li tkun tressqet quddiemha.

Fuq it-tieni u t-tielet domandi

- 33 Permezz tat-tieni u tat-tielet domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tfitteż essenzjalment li ssir taf jekk il-qorti nazzjonali tistax tikkonkludi, meta tiddetermina l-ammonti eżatti tal-għajjnuna li għandhom jiġu rkuprati u meta l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni li tiddikjara skema ta' għajjnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern, ma tkunx identifikat il-benefiċjarji individwali tal-għajjnuna inkwistjoni u lanqas ma tkun iddeterminat l-ammonti preċiżi li għandhom jiġihallu lura, li l-ammont tal-għajjnuna li għandu jiġihallas lura huwa ugwali għal żero meta dan jirriżulta mill-kalkoli magħmula abbażi tal-provi rilevanti li jkunu tressqu għall-konjizzjoni tagħha.
- 34 Għandu jifakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam, l-irkupru ta' għajjnuna ddikjarata inkompatibbli mas-suq intern għandu jsir skont il-modalitajiet previsti mid-dritt nazzjonali, sakemm dawn tal-aħħar ma jwasslux sabiex jirrendu prattikament impossibbli l-irkupru meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni u ma jiksrux il-prinċipju ta' ekwivalenza mal-proċeduri intiżi sabiex jiġu deċiżi kawżi tal-istess tip, iżda purament nazzjonali (ara s-sentenza Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, C-382/99, Ġabra p. I-5163, punt 90). Hija biss il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi kawżi li jirrigwardaw dan l-irkupru (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-24 ta' Lulju 2003, Sicilcassa *et*, C-297/01, Ġabra p. I-7849, punti 41 u 42).
- 35 Barra minn hekk, kif tfakkar fil-punti 22, 23 u 29 ta' din is-sentenza, billi l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni tagħha, ma identifikatx il-benefiċjarji individwali tal-għajjnuna inkwistjoni u lanqas ma stabbilixxiet l-ammonti preċiżi tal-għajjnuna li għandhom jiġu rkuprati, hija l-qorti nazzjonali, jekk titressaq kawża quddiemha għal dan l-iskop, li għandha tiddeċiedi fuq l-ammont tal-għajjnuna li l-irkupru tagħha ġie ordnat mill-Kummissjoni. Kif ġie indikat fil-punt 30 ta' din is-sentenza, fil-każ ta' diffikultajiet, il-qorti nazzjonali dejjem għandha l-possibbiltà li ddir fuq il-Kummissjoni sabiex din tal-aħħar tagħtiha l-għajjnuna tagħha skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE.

- 36 Minn dan isegwi li, għall-finijiet tal-kwantifikazzjoni tal-ammont ta' għajjnuna li għandu jiġi rkuprat, il-qorti nazzjonali għandha tiegħu inkunsiderazzjoni, fiċ-ċirkustanzi msemmija fil-punt 31 ta' din is-sentenza, il-provi rilevanti kollha li jkunu tressqu għall-konjizzjoni tagħha, inklużi l-iskambji li jkunu saru bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali abbażi tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.
- 37 Għalhekk ma jistax jiġi eskluż li, fid-dawl ta' dawn il-provi kollha, il-kalkoli magħmula mill-qorti nazzjonali f'dak li jirrigwarda l-kwantifikazzjoni tal-ammonti ta' għajjnuna li għandhom jitħallsu lura jwasslu għal ammont ugwali għal zero.
- 38 Barra minn hekk, mill-atti tal-proċess mibgħut mill-qorti nazzjonali jirriżulta li l-Kummissjoni ammettiet espressament, fir-rigward ta' TIMedia u Fastweb, li ebda ammont ma kellu jiġi rkuprat mingħand dawn iż-żewġ impriżi.
- 39 Għaldaqstant, u mingħajr ma tqiegħed fid-dubju l-validità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni jew l-obbligu li titħallas lura l-għajjnuna ddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq intern, il-qorti nazzjonali tista' tistabbilixxi ammont tal-għajjnuna li għandu jiġi rkuprat ugwali għal zero sa fejn tali ammont stabbilit jirriżulta direttament mill-operazzjoni ta' kwantifikazzjoni tas-somom li għandhom jiġu rkuprati.
- 40 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni u għat-tielet domandi għandha tkun li, mingħajr ma tqiegħed fid-dubju l-validità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni jew l-obbligu li titħallas lura l-għajjnuna inkwistjoni, il-qorti nazzjonali tista' tikkonkludi, meta tiddetermina l-ammonti eżatti tal-għajjnuna li għandhom jiġu rkuprati u meta l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni tagħha li tiddikjara skema ta' għajjnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern, ma tkunx identifikat il-benefiċjarji individwali tal-għajjnuna inkwistjoni u lanqas ma tkun iddeterminat l-ammonti preċiżi li għandhom jitħallsu lura, li l-ammont tal-għajjnuna li għandu jitħallas lura huwa ugwali għal zero meta dan jirriżulta mill-kalkoli magħmula abbażi tal-provi rilevanti li jkunu tressqu għall-konjizzjoni tagħha.

Fuq l-ispejjeż

- 41 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Għalkemm, sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiddikjara skema ta' għajjnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tal-għajjnuna inkwistjoni, iżda li ma tidentifikax il-benefiċjarji individwali ta' din l-għajjnuna u ma tiddeterminax l-ammonti preċiżi li għandhom jitħallsu lura, il-qorti nazzjonali hija marbuta b'din id-deċiżjoni, hija min-naħa l-oħra ma hijiex marbuta bil-pożizzjonijiet meħuda mill-imsemmija istituzzjoni fil-kuntest tal-imsemmija deċiżjoni. Madankollu, fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, il-qorti nazzjonali għandha tiegħu dan it-teħid ta' pożizzjoni inkunsiderazzjoni bħala element ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-kawża li tkun tressqet quddiemha.**
- 2) **Mingħajr ma tqiegħed fid-dubju l-validità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea jew l-obbligu li titħallas lura l-għajjnuna inkwistjoni, il-qorti nazzjonali tista' tikkonkludi, meta tiddetermina l-ammonti eżatti tal-għajjnuna li għandhom jiġu rkuprati u meta l-Kummissjoni Ewropea, fid-deċiżjoni tagħha li tiddikjara skema ta' għajjnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern, ma tkunx identifikat il-benefiċjarji individwali tal-għajjnuna**

inkwistjoni u lanqas ma tkun iddeterminat l-ammonti preċiżi li għandhom jitħallsu lura, li l-ammont tal-ghajjnuna li għandu jitħallas lura huwa ugwali għal zero meta dan jirriżulta mill-kalkoli magħmula abbażi tal-provi rilevanti li jkunu tressqu għall-konjizzjoni tagħha.

Firem